**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2015**

# IR-RABA' SENA IL-ĠEOGRAFIJA (ĠENERALI) L-Iskema tal-Marki

| Numru tal-mistoqsija | Marki | Tqassim tal-marki | Tweġibiet |
|---|---|---|---|
| 1 | 4 | | |
| 1(a) | 1 | marka | *pannelli solari* |
| 1(b) | 1 | marka | *ix-xemx* |
| 1(c) | 1 | marka | *jiġi ġġenerat l-elettriku* |
| 1(d) | 1 | marka | *enerġija li tiġġedded* |
| 2 | 6 | | |
| 2 | 6 | marka x 6 | *Blat sedimentarju – Tafal*<br>*Blat ignijuż – Granit*<br>*Blat metamorfiku – Irħam* |
| 3 | 5 | | |
| 3 | 5 | marka x 5 | *A: Vessuvju*<br>*B: Stromboli*<br>*C: Etna*<br>*D: Santorini*<br>*E: Pirenej*<br>*F: Alpi*<br>*G: Taurus*<br>*H: Atlas*<br>*I: Appennini* |
| 4 | 9 | | |
| 4(a) | 3 | marka x 3 | *Tlieta minn: faħam, żejt, gass, uranju* |
| 4(b) | 4 | 2 marki għal żewġ raġunijiet minn dawn | *Ir-riżorsi rinovabbli diġà jittellgħu minn minjieri u b'hekk mhix spiża kbira biex inkunu nistgħu nużawhom.*<br>*Ċerti riżorsi mhux rinovabbli, bħall-faħam, għad fadlilhom mijiet ta' snin qabel jispiċċaw.* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | *Il-fjuwils fossili u l-uranju jiġġeneraw ammont kbir ta' elettriku.*<br>*It-teknoloġija biex jittellgħu il-fjuwils fossili mill-minjieri hija rħisa.*<br>*Il-proċess biex tbiddel fjuwils fossili f'elettriku huwa rħis.*<br>*Il-proċess biex pajjiż ibiddel il-mod kif jiġġenera l-elettriku jinvolvi spiża kbira.* |
| **4(c)** | **2** | **marka għal kull sors** | *ix-xemx u r-riħ* |
| **5** | **8** | | |
| **5(a)** | **5** | **marka għal kull saff tajjeb** |  |
| **5(b)** | **3** | **marka għal kull punt x 3** | *Il-fossili fil-blat ta' Malta juru li dan il-blat ifforma fil-qiegħ tal-baħar miljuni ta' snin ilu.*<br>*Ħlejjaq u pjanti tal-baħar mejta waqgħu f'qiegħ il-Baħar Mediterran flimkien ma' sedimenti oħra.*<br>*Iktar ma bdew jinġemgħu sedimenti, il-fdalijiet ta' ħlejjaq u pjani tal-baħar inqabdu taħt il-piż ta' dawn is-sedimenti u maż-żmien iffurmaw fossili fil-blat sedimentarju.* |
| **6** | **8** | | |
| **6(a)** | **2** | **2 marki** | *Postijiet immarkati fuq it-truf tal-qxur tettoniċi.* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **6(b)** | **2** | **marka għal kull qoxra** | <br> |
| **6(c)** | **1** | **marka** | *Il-vleġeġ juru d-direzzjoni fejn qed jimxu l-qxur tettoniċi.* |
| **6(d)** | **3** | **3 marki** | *Il-qoxra Afrikana miexja f'direzzjoni lejn il-Grigal. Il-qoxra Ewroasjatika miexja f'direzzjoni lejn ix-Xlokk. Dan ifisser li hemm żona ta' kolliżjoni bejn il-qoxra Afrikana u dik Ewroasjatika.* |
| **7** | **20** | | |
| **7(a)** | **2** | **2 marki** | *Is-saff tal-ożonu huwa saff ta' gass fl-istratosfera.* |
| **7(b)** | **2** | **2 marki** | *Is-saff tal-ożonu jassorbi r-raġġi ultravjola tax-xemx, b'hekk ħafna minn dawn ir-raġġi ma jaslux sal-wiċċ tad-dinja. Jekk ikun hemm wisq minn dawn ir-raġġi ultravjola li jaslu sal-wiċċ tad-dinja, jistgħu joħolqu problemi għal forom differenti ta' ħajja fid-dinja.*<br>*Is-saff tal-ożonu jipproteġi lid-dinja milli jseħħ dan.*<br>*Is-saff tal-ożonu jassorbi r-raġġi ultravjola tax-xemx li jistgħu jgħaddu mill-ġilda jew qoxra ta' organiżmi ħajjin u pjanti u b'hekk joħolqu problemi fil-molekoli tad-DNA tal-pjanti u l-annimali.* |
| **7(c)** | **2** | **2 marki** | *Is-saff tal-ożonu qed jitherra minħabba l-użu ta' kimika, magħrufa bħala kloroflorokarbons (CFCs). Din il-kimika ntużat għal ħafna snin f'sistemi ta' refriġerazzjoni u arja kundizzjonata u għall-produzzjoni tal-bottijiet tal-isprejs. Is-CFCs huma użati mill-industrija u mill-konsumaturi għax huma kimiċi rħas, ma jiħdux in-nar malajr u ma jivvalenawx ħlejjaq ħajjin.* |
| **7(d)** | **4** | **2 marki għal kull effett** | *Ir-radjazzjoni mir-raġġi ultravjola tinstab b'mod naturali fid-dawl tax-xemx.*<br>*Meta l-bniedem u ħlejjaq ikunu esposti għar-raġġi ultravjola, dawn jistgħu jikkawżaw ħruq fil-ġilda, kanċer fil-ġilda, katarretti fl-għajnejn u tikmix fil-ġilda.*<br>*Barra minn hekk, ir-raġġi UVB jistgħu jagħmlu ħsara lill-uċuħ tar-raba' u ħlejjaq tal-baħar.* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **7(e)** | **6** | **6 marki** | *Wara li x-xjenzati skoprew it-toqba fis-saff tal-ożonu fl-1985, ġie ffirmat trattat internazzjonali magħruf bħala l-Protokoll ta' Montreal. Wara l-iffirmar ta' dan il-protokoll, il-produzzjoni ta' CFC tnaqqset drastikament, sakemm il-produzzjoni twaqqfet għal kollox fl-1996. Dan it-trattat ġie ffirmat mill-pajjiżi kollha tad-dinja. Fl-2003, ix-xjenzati ħabbru li s-saff tal-ożonu mhux qed jitherra bl-istess rata mgħaġġla bħalma kien qabel ġie ffirmat dan it-trattat.*<br><br>*Idrokloroflorokarbons (HCFCs) qed jintużaw minflok is-CFCs f'ċerti prodotti mmanifatturati. Dawn il-kimiċi għandhom inqas ċans li jaslu sal-istratosfera fejn jistgħu jeqirdu l-ożonu. Filwaqt li joħolqu inqas ħsara mis-CFCs, l-HCFCs xorta jistgħu jħallu effett negattiv fuq is-saff tal-ożonu u b'hekk beda proċess biex dawn ma jibqgħux jiġu użati. Minflok qed jiġu użati idroflorokarbons (HFCs) li ma jagħmlu l-ebda ħsara lis-saff tal-ożonu.* |
| **7(f)** | **4** | **2 marki kull wieħed għal żewġ eżempji** | *Ma noħorġux fil-ħin meta x-xemx tkun l-aktar qawwija.*<br>*Nużaw nuċċali tax-xemx biex nipproteġu għajnejna.*<br>*Nilbsu kappell/beritta ċari biex nipproteġu rasna.*<br>*Nużaw krema protettiva kontra l-qawwa tax-xemx.*<br>*Aċċetta eżempji validi oħra.* |
| **8** | **20** | | |
| **8 (a)** | **4** | **2 marki għal spjegazzjoni, 2 marki għal eżempju** | *Il-blat jitmermer meta jsir tibdil kimiku fih speċjalment meta jixxarrab bl-ilma.*<br>*Pereżempju, il-blat kalkarju huwa magħmul mill-karbonat tal-kalċju. Meta tinżel ix-xita, l-ilma tax-xita jassorbi d-diossidu tal-karbonju u b'hekk jifforma l-aċtu karboniku. Meta x-xita taqa' fuq blat kalkarju, dan l-aċtu karboniku jħoll il-karbonat tal-kalċju fil-blat u b'hekk il-blat jitmermer.* |
| **8 (b)** | **4** | **2 marki għal spjegazzjoni, 2 marki għal eżempju** | *Il-blat jitmermer b'mod bijoloġiku meta ħlejjaq ħajja bħal pjanti, annimali u insetti jkissru l-blat.*<br>*Pereżempju, meta l-għeruq tal-pjanti jikbru, ikollhom bżonn l-ispazju u b'hekk ikissru l-blat. L-insetti u l-annimali jħaffru passaġġi fil-ħamrija u l-blat biex ifittxu l-ikel jew biex ifittxu l-kenn u b'hekk jgħinu biex il-blat jitmermer.* |
| **8 (c)** | **2** | **2 marki** | *Sfoljazzjoni jew tmermir tal-blat folja folja.* |
| **8 (d)** | **8** | **2 marki għal kull punt** | *Matul il-ġurnata l-blat jisħon u jespandi.*<br>*Matul il-lejl it-temperatura titbaxxa u b'hekk il-qoxra ta' barra tal-blat tiċkien.*<br>*Meta dan il-proċess jibqa' jirrepeti ruħu, il-qoxra ta' barra tal-blat tiddgħajjef.*<br>*Meta l-blat ikun espost għal dan it-tibdil* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | *fit-temperaturi għal ħafna żmien, il-blat jitmermer folja folja.* |
| **8 (e)** | **2** | **2 marki** | *It-tmermir tal-blat folja folja huwa l-aktar komuni f'deżerti sħan fejn hemm differenza kbira bejn l-ogħla u l-inqas temperatura tal-ġurnata.* |
| **9** | **20** | | |
| **9 (a)** | **1** | **marka** | *Izmit* |
| **9 (b)** | **3** | **marka għall-isem tal-belt**<br>**2 marki għar-raġuni** | *Il-ħsara se tkun l-aktar f'Izmit għax tinstab fl-epiċentru. Il-ħsara tonqos iktar ma tiżdied id-distanza mill-epiċentru.* |
| **9 (c)** | **4** | **marka għal kull punt** | *It-Turkija tinsab fuq tarf ta' qoxra tettonika.*<br>*Tinstab bejn il-qoxra Afrikana u l-qoxra Ewroasjatika.*<br>*Dawn iż-żewġt iqxur resqin lejn xulxin u joħolqu t-terremoti.*<br>*Il-Mediterran jinsab fuq zona ta' kolliżjoni/xifer distruttiv.* |
| **9 (d)** | **6** | **2 marki għal kull punt** | *L-iskala Richter tagħti numru li juri l-ammont ta' enerġija li jħalli terremot.*<br>*Terremot ta' saħħa 2 fuq l-iskala Richter huwa 10 darbiet aktar qawwi minn terremot ta' saħħa 1 fuq l-istess skala.*<br>*L-ogħla valur fuq l-iskala Richter huwa 10.*<br>*Aċċetta punti validi oħra.* |
| **9 (e)** | **6** | **2 marki għal kull punt li jispjega l-formazzjoni,**<br><br>**marka għal kull eżempju,**<br><br>**2 marki għad-disinn** | *Il-katina ta' muntanji fil-Mediterran iffurmat meta l-qoxra Afrikana u l-qoxra Ewroasjatika ħabtu flimkien.*<br><br>*Il-qoxra Afrikana u l-qoxra Ewroasjatika huma t-tnejn pjattaformi kontinentali u b'hekk la jistgħu jegħrqu u lanqas jinqerdu. Is-sedimenti bejn iż-żewġ pjattaformi jiġi mbuttat 'il fuq u jifforma muntanji. Xi eżempji ta' muntanji mmewġa fil-Mediterran huma l-Pirenej, l-Alpi, il-Pindus, l-Alpi Dinariċi, l-Appennini, it-Taurus u l-Atlas.*<br> |

| 10 | 20 | | |
|---|---|---|---|
| **10(a)** | **4** | **2 marki għal kull punt** | *Id-diossidu tal-karbonju huwa l-kawża ewlenija tat-tniġġis tal-arja u tat-tisħin globali.*<br>*Iktar ma jogħla l-ammont ta' diossidu tal-karbonju fl-atmosfera, aktar tibqa' sħana fid-dinja.*<br>*Id-diossidu tal-karbonju joħloq problemi għas-saħħa tal-bniedem, fosthom problemi respiratorji.*<br>*Aċċetta tweġibiet validi oħra.* |
| **10(b)** | **4** | **2 marki għal kull punt** | *Sorsi ta' enerġija li jiġġeddu:*<br>*ma joħolqux problemi ta' saħħa għall-bniedem;*<br>*ma jispiċċaw qatt;*<br>*il-prezz tagħhom m'huwiex influwenzat minn konflitti politiċi;*<br>*ma jikkontribwixxux għat-tisħin globali u l-problemi marbuti mat-tibdil fil-klima.*<br>*Aċċetta tweġibiet validi oħra.* |
| **10(c)** | **6** | **2 marki għal kull punt** | *Qed tingħata għotja finanzjarja (grant) biex jitwaħħlu pannelli fotovoltajċi fuq djar privati, irziezet u fabbriki.*<br>*Qed tingħata għotja finanzjarja biex jitwaħħlu gijżers solari (solar water heaters).*<br>*Qed tingħata għotja finanzjarja biex jinxtraw karozzi li jaħdmu bl-elettriku.*<br>*Qed jiġi installat cable tal-elettriku bejn Malta u Sqallija biex nimportaw l-elettriku mill-Ewropa.*<br>*Qed titwaqqa' l-power station tal-Marsa li tiġġenera ammont kbir ta' diossidu tal-karbonju.*<br>*Qed jintuża ħġieġ insulat (double glazed) f'bini ġdid biex jitnaqqas il-bżonn li jintużaw sistemi ta' arja kkundizzjonata.*<br>*Trasport bil-baħar mill-Kottonera u Tas-Sliema lejn il-Belt biex jonqos l-użu ta' karozzi.*<br>*Aċċetta tweġibiet validi oħra.* |
| **10(d)** | **6** | **2 marki għal kull punt** | *Nuża t-trasport pubbliku, rota jew nimxi flok nitlob li nitwassal xi mkien b'karozza privata.*<br>*Nitfi d-dawl meta noħroġ minn kamra.*<br>*Indawwal kamra billi niftaħ il-purtieri flok nixgħel id-dawl matul il-ġurnata.*<br>*Nuża bozoz LED u energy saving minflok bozoz antiki.*<br>*Nitfi l-apparat elettriku kompletament (mill-plakka u ma nħallihx fuq stand-by).*<br>*Nitla' t-taraġ flok nuża l-lift.*<br>*Aċċetta tweġibiet validi oħra.* |